# LEĠISLAZZJONI SUSSIDJARJA 363.20

## REGOLAMENTI DWAR KUNSILLI LOKALI (RIŻORSI UMANI)

1 ta' Lulju, 1998

*L-AVVIŻ LEGALI 127 ta' l-1998, kif emendat bl-Avviżi Legali 174 ta' l-1998, 89 ta' l-2000, 64 ta' l-2001, 282 ta' l-2005 u 95 ta' l-2007.*

TAQSIMA I

Disposizzjonijiet Ġenerali

**1.** It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti dwar Kunsilli Lokali (Riżorsi Umani).

Titolu. *Emendat: A.L. 89 ta' l-2000.*

**2.** F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra -

Tifsir. *Emendat: A.L. 89 ta' l-2000; A.L. 95 ta' l-2007.* Kap. 363.

"Att" tfisser l-Att dwar Kunsilli Lokali;

"ftehim kollettiv" tfisser il-ftehim kollettiv għall-ħaddiema klerikali tal-Kunsilli Lokali iffirmat minn żmien għal żmien bejn l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali u t-*trade union* li tirrappreżenta l-maġġoranza tal-ħaddiema klerikali impjgati mill-Kunsilli Lokali;

"ġranet u sigħat ta' xogħol", għall-finijiet ta' azzjoni industrijali, jirreferu għal dawk il-ġranet u sigħat ta' xogħol osservati mill-amministrazzjoni tal-Kunsilli Lokali rispettiva u għal dan il-għan, Sibtijiet, Ħdud u festi pubbliċi ma jitqiesux bħala ġranet tax-xogħol;

"impjegat" tfisser kull impjegat tal-Kunsill li mhux is-Segretarju Eżekuttiv;

"Kodiċi ta' Etika" tfisser il-Kodiċi ta' Etika għall-Impjegati fis-Settur Pubbliku' maħruġ mill-Uffiċċju tal-Kabinett f'Ottubru ta' l-1994;

"kuntratt tax-xogħol" tfisser il-kuntratt ta' l-impjieg li jinsab fl-Appendiċi P4.V tal-Proċeduri dwar Riżorsi Umani;

"Ministru" għandha l-istess tifsir kif mogħti fl-Att;

"Proċeduri dwar Riżorsi Umani" tfisser il-Proċeduri ta' l-1996 dwar Kunsilli Lokali (Riżorsi Umani), K.L.P. 4/96, pubblikati bis-saħħa tar-Regolamenti dwar Proċeduri għal Kunsilli Lokali; L.S. 363.12

"Segretarju Eżekuttiv" għandha l-istess tifsir kif mogħti fl-Att.

TAQSIMA II

Kwalifiki u Rimunerazzjoni tas-Segretarji Eżekuttii

**3.** Ebda persuna ma tkun kwalifikata biex tinħatar Segretarju Eżekuttiv ta' Kunsill Lokali jekk din il-persuna ma tipproduċix ċertifikat, riferenza jew dikjarazzjoni li għandha dawn il-kwalifiki minimi li ġejjin:

Kwalifiki tas-Segretarji Eżekuttivi. *Emendat: A.L. 89 ta' l-2000.*

(*a*) ikun jaf tajjeb il-proċeduri ta' *Accounts* u *Office Computer Applications* (*Word-processing, Data-base* u

*Spreadsheet*);

(*b*) ikollu esperjenza jew kompetenza maniġerjali u/jew eżekuttiva; u

(*ċ*) ikollu dawk il-kwalifiki li normalment jintalbu biex wieħed jibda kors universitarju fl-istudji għal *degree* fil-*Business Administration* u/jew fil-*Management*.

Iżda dawn ir-rekwiżiti minimi ma japplikawx għal dawk il-persuni li fid-data tal-pubblikazzjoni ta' dawn ir-regolamenti kienu jokkupaw il-kariga ta' Segretarju Eżekuttiv jew li attendew b'suċċess kors għal Segretarji Eżekuttivi prospettivi tal-Kunsilli Lokali organizzat mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali u għal xi żmien ħadmu bħala Segretarji Eżekuttivi ma' xi Kunsill:

Iżda wkoll dawn ir-rekwiżiti ma japplikawx lanqas għal dawk is-Segretarji Eżekuttivi li jiġu biex iġeddu l-kuntratt tax-xogħol mal-Kunsill Lokali, jew li japplikaw għal ħatra oħra ta' Segretarju Eżekuttiv ma' xi Kunsill Lokali ieħor.

Rimunerazzjoni.
*Emendat:*
*A.L. 174 ta' l-1998;*
*A.L. 89 ta' l-2000.*

**4.** (1) Is-Segretarji Eżekuttivi għandhom jiġu impjegati skond l-artikolu 51 ta' l-Att u jkollhom dritt għar-rimunerazzjoni stabbilita fis-subregolament (2).

(2) Għandha tingħata din ir-rimunerazzjoni li ġejja lis-Segretarji Eżekuttivi:

(*a*) Segretarju Eżekuttiv *full-time*: meta d-daqs tal-Kunsill ikun -

| | |
|---|---|
| 9 sa 13-il membru | mhux aktar mill-massimu ta' Skala 5 |
| 7 membri | mhux aktar mill-massimu ta' Skala 6 |
| 5 membri | mhux aktar mill-massimu ta' Skala 7 |

Ir-rimunerazzjoni msemmija hawn aktar qabel hi marbuta mal-kondizzjonijiet tax-xogħol indikati fir-regolament 27, Taqsima V. Iżda s-Segretarji Eżekuttivi li fit-2 ta' Ġunju, 2000, ikunu diġà jokkupaw il-kariga ta' Segretarji Eżekuttivi għandhom jitħallsu l-massimu ta' l-ikala relattiva tagħhom;

(*b*) Segretarju Eżekuttiv *part-time*:

li jattendi għal mill-inqas 20 siegħa fil-ġimgħa jitħallas *pro rata* tar-rimunerazzjoni li jkun intitolat għaliha Segretarju Eżekuttiv ta' dak il-Kunsill.

Salarji tas-Segretarji Eżekuttivi.
*Emendat:*
*A.L. 89 ta' l-2000.*

**5.** (1) Is-salarji tas-Segretarji Eżekuttivi huma marbuta ma' l-iskali tas-salarji tal-ħaddiema fis-Servizz Pubbliku u kull żieda fis-salarji fis-Servizz Pubbliku għandha tiżdied mas-salarji tas-Segretarji Eżekuttivi kif indikat fir-regolament ta' qabel dan:

(2) Is-Segretarju Eżekuttiv *full-time* huwa intitolat ukoll għal dawk iż-żidiet li jingħataw għall-għoli tal-ħajja li jistgħu jiġu stabbiliti minn żmien għal żmien mill-Gvern.

*Performance bonus.*
*Emendat:*
*A.L. 89 ta' l-2000;*
*A.L. 282 ta' l-2005.*

**6.** (1) Il-Kunsill jista' wkoll, fid-diskrezzjoni tiegħu, jagħti lis-Segretarju Eżekuttiv, fi tmiem ta' xi sena finanzjarja, bonus ta' *performance* ta' mhux iżjed minn 10% ta' l-aħħar salarju li jkun qed jirċievi:

Iżda l-Kunsill għandu jagħti wkoll lis-Segretarju Eżekuttiv mill-inqas 5% tal-*performance bonus*:

Iżda wkoll fil-każ ta' dawk is-Segretarji Eżekuttivi li jkunu temmew l-impjieg qabel it-tmiem tas-sena finanzjarja, dan il-bonus jinħadem fuq l-aħħar salarju li kienu qed jirċievu.

(2) (*a*) Jekk ikun ser jingħata l-*performance bonus*, dan għandu jsir skond il-kriterji li ġejjin:

5% - jekk fil-fehma tal-Kunsill Lokali s-Segretarju Eżekuttiv jkun wettaq xogħlu b'mod sodisfaċenti għal kollox, kif ukoll ikun laħaq livell għoli ta' kompetenza u kapaċità f'xogħlu tant li, b'mod ġenerali, ikunu ntlaħqu l-objettivi li fiċ-ċirkostanzi setgħu jintlaħqu jew f'xi każi wkoll eċċedihom. Il-livell ta' *performance* meħtieġ f'dan il-każ irid ikun wieħed li f'kull ħin is-Segretarju Eżekuttiv jkun laħaq l-objettivi mistennija mill-kariga.

10% - jekk fil-fehma tal-Kunsill Lokali s-Segretarju Eżekuttiv mhux biss ikun wettaq xogħlu b'mod sodisfaċenti għal kollox iżda li b'mod sinifikanti u tanġibbli jkun eċċeda l-livell ta' kompetenza, u wkoll fejn il-*performance* tiegħu tkun tali li tkun iżjed minn dak li normalment hu rikjest mill-kariga.

(*b*) Dawn il-livelli għandhom jiġu mkejla permezz ta' *performance appraisal* li ssir skond il-formula li hemm fl-Iskeda. Dan il-*performance appraisal* hu maħsub biex jgħin lill-Kunsill jevalwa l-livell ta' *performance* tas-Segretarju Eżekuttiv.

Deputat Segretarju Eżekuttiv.
*Emendat:*
*A.L. 89 ta' l-2000.*

**7.** Il-ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv trid issir b'riżoluzzjoni tal-Kunsill u skond id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 51 ta' l-Att. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv jingħata rimunerazzjoni ekwivalenti għall-massimu ta' salarju fi Skala 11 għal perijodu ta' għaxart (10) ijiem konsekuttivi, u wara jitħallas l-ekwivalenti tas-salarju dovut lis-Segretarju Eżekuttiv ta' l-istess Kunsill. F'dan il-każ japplikaw ukoll il-kondizzjonijiet kollha li jirregolaw il-pożizzjoni tas-Segretarju Eżekuttiv sa dak il-jum li s-Segretarju Eżekuttiv jerġa' jassumi d-dmirijiet tiegħu jew il-Kunsill jaħtar Segretarju Eżekuttiv ġdid skond il-każ:

Iżda dan l-arranġament għall-ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv ma jistax jeċċedi d-disgħin (90) jum mid-data tal-ħatra.

Aġent Segretarju Eżekuttiv.
*Emendat:*
*A.L. 89 ta' l-2000.*

**8.** Aġent Segretarju Eżekuttiv jista' jinħatar biss skond l-artikolu 49(1) u (4) ta' l-Att.

TAQSIMA III

Kondizzjonijiet tax-Xogħol tas-Segretarju Eżekuttiv

Sigħat tax-xogħol tas-Segretarju Eżekuttiv.
*Emendat:*
*A.L. 89 ta' l-2000;*
*A.L. 282 ta' l-2005.*

**9.** Is-Segretarju Eżekuttiv jaħdem medja ta' erbgħin (40) siegħa fil-ġimgħa, u sakemm in-natura tax-xogħol ma titlobx mod ieħor, skond l-orarju li kull Kunsill jiddetermina b'riżoluzzjoni minn żmien għal żmien sakemm dawn ikunu ħinijiet normali ta' l-uffiċċju:

Iżda s-Segretarju Eżekuttiv ma jkunx intitolat għal rikompens għal sigħat żejda li jkun mistenni jaħdem minħabba esiġenzi tax-xogħol jew sabiex jaqdi l-funzjonijiet tiegħu.

*Vacation leave.*
*Emendat:*
*A.L. 282 ta' l-2005.*

**10.** (1) *Vacation leave* mhux meħud minħabba esiġenzi tax-xogħol skond kif determinat mill-Kunsill, jista' biss jiġi akkumulat minn sena għal oħra bl-approvazzjoni tal-Kunsill. Kull *vacation leave* għandu jiġi approvat mis-Sindku wara talba mis-Segretarju Eżekuttiv.

(2) Is-Segretarju Eżekuttiv għandu jieħu sebgħin fil-mija (70%) tal-*vacation leave* tiegħu sa l-aħħar ta' Settembru filwaqt li l-bilanċ ta' tletin fil-mija (30%) għandu jittieħed sa' l-aħħar tas-sena.

*Leave* speċjali bi ħlas.
*Emendat:*
*A.L. 89 ta' l-2000;*
*A.L. 282 ta' l-2005;*
*A.L. 95 ta' l-2007.*

**11.** Is-Segretarju Eżekuttiv jkun intitolat ukoll għal *leave* speċjali bi ħlas fil-każijiet li ġejjin:

(*a*) Mewt ta' qraba - tliet (3) ijiem tax-xogħol fil-każ tal-mewt tal-mara jew ir-raġel, l-omm jew il-missier, jew dik il-persuna li tkun attwalment qegħda tagħmilha flok l-omm jew il-missier tas-Segretarju Eżekuttiv, l-iben jew il-bint, u ħu jew oħt is-Segretarju Eżekuttiv. F'każ ta' mewt ta' nanniet, u ta' l-omm jew il-missier, ħu jew oħt il-mara jew ir-raġel tas-Segretarju Eżekuttiv, tingħata ġurnata (1) tax-xogħol *leave* speċjali bi ħlas. Dan il-*leave* speċjali jrid jittieħed immedjatament wara l-mewt;

(*b*) Żwieġ - ħamest (5) ijiem tax-xogħol f'każ ta' żwieġ tas-Segretarju Eżekuttiv;

(*ċ*) Twelid - tlett (3) ijiem tax-xogħol f'każ ta' twelid ta' tarbija tal-mara tas-Segretarju Eżekuttiv;

(*d*) Tqala - Segretarji Eżekuttivi nisa jkunu intitolati għal tlettax (13) -il ġimgħa *leave* speċjali minħabba tqala u ġimgħa oħra mingħajr ħlas;

(*e*) Kura wara korriment - minbarra kif hemm stipulat fir-regolament 13, Segretarju Eżekuttiv li jkun weġġa' waqt il-qadi ta' dmirijietu għandu jingħata l-*leave* speċjali li jkun jeħtieġ sabiex jieħu l-kura jew biex jidher quddiem il-Bord tas-Sigurtà Soċjali dwar il-Korrimenti;

(*f*) Ġurijiet - meta Segretarju Eżekuttiv jkun magħżul bħala ġurat, dan għandu jingħata l-*leave* speċjali għal kemm itul il-ġuri;

(*g*) Xhieda - Segretarju Eżekuttiv jew ħaddiem klerikali li

jkun imħarrek minn Qorti jew xi Tribunal ieħor bħala xhud għandu jingħata *leave* speċjali, sakemm ix-xhieda tiegħu hi meħtieġa f'kawża li hi konnessa direttament max-xogħol tiegħu bħala uffiċjal tal-Kunsill;

(*h*) AAttivitajiet Trejdunjonistiċi - tliet (3) ijiem tax-xogħol *leave* speċjali għandhom jingħataw kull sena lill-membri tal-Grupp tal-Kumitat (sakemm in-numru ta' membri ma jeċċedix is-seba' (7) persuni) li jirrappreżentaw l-ħaddiema klerikali tal-Kunsilli Lokali biex jattendu għal laqgħat, konferenzi, *seminars* jew attivitajiet oħra simili tal-*Union*, u sakemm dan isir bl-approvazzjoni bil-quddiem mis-Sindku tal-Kunsill konċernat.

**12.** (1) Is-Segretarju Eżekuttiv jkun intitolat, f'kull sena kalendarja, għal tletin (30) jum *leave* għal mard b'paga sħiħa li minnha għandu jitnaqqas l-ammont sħiħ ta' benefiċċju għall-mard imħallas taħt l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, u tletin (30) jum oħra b'nofs paga li minnha għandu jitnaqqas nofs l-ammont ta' benefiċċju għall-mard imħallas taħt l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali.

*Leave* għal mard. *Emendat: A.L. 89 ta' l-2000.*

Kap. 318.

(2) Segretarju Eżekuttiv li jkun impjegat ma' Kunsill għal inqas minn sena, ikun intitolat għall-*leave* għall-mard fuq bażi *pro rata* skond kemm ikun ilu mpjegat ma' dak il-Kunsill.

(3) F'każijiet eċċezzjonali ta' rikoverazzjoni fi sptar, konvalexxenza minn operazzjoni kirurgika, jew mard terminali, li fit-tliet każi hu meħtieġ ċertifikat mediku minn speċjalista, id-dritt għal *leave* għal mard kif imsemmi fis-subregolament (1) jiżdied għal perijodu itwal, sakemm din iż-żjieda ma teċċedix il-*leave* għal mard li ma jkunx sar użu minnu fis-sentejn preċedenti.

**13.** F'każ ta' korriment fuq ix-xogħol, u sakemm dan ma jkunx bi traskuraġni tiegħu u wkoll sakemm dak ix-xogħol ikun relatat ma' dmirijietu, Segretarju Eżekuttiv ikun intitolat għall-paga sħiħa, li minnha jitnaqqas il-benefiċċju għall-korriment li jingħata taħt l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali għall-perijodu kollu li matulu jkun rikoverat f'xi sptar, jew li matulu jkun konvalexxenti, jew li fih ikun temporanjament inkapaċi milli jwettaq ix-xogħol tiegħu:

Korriment fuq ix-xogħol. *Emendat: A.L. 89 ta' l-2000.*

Kap. 318.

Iżda dan il-benefiċċju ma jistax jingħata għal perijodu itwal minn sena li tibda tiddekorri minn ġurnata wara li jkun seħħ il-korriment.

**13A.** Is-Segretarju Eżekuttiv ikun intitolat għal skema ta' saħħa (Assigurazzjoni dwar is-Saħħa) abbażi tal-kondizzjonijiet u benefiċċji kollha mfassla mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali.

Jedd għal skema ta' assigurazzjoni tas-saħħa. *Miżjud: A.L. 282 ta' l-2005.*

## TAQSIMA IV

### Kwalifiki, Rimunerazzjoni u Kondizzjonijiet tax-Xogħol ta' l-impjegati l-oħra

Kwalifiki u kondizzjonijiet tax-xogħol.
*Emendat:*
*A.L. 89 ta' l-2000;*
*A.L. 95 ta' l-2007.*

**14.** (1) Il-Kunsill jista' jaħtar ukoll *personnel* klerikali, tekniku jew f'xi kariga oħra, skond l-esiġenzi u għall-qadi effiċjenti tiegħu kif stabbilit fl-artikolu 53 ta' l-Att, u skond il-kwalifiki li jidhirlu xierqa l-istess Kunsill u mingħajr ħsara għall-kwalifiki kif indikati fis-subregolament (3)(*b*).

(2) Meta Kunsill jiġi biex jimpjega persuna f'xi kariga kif imsemmi fis-subregolament (1), is-Segretarju Eżekuttiv, bħala l-kap amministrattiv tal-Kunsill, għandu jkun membru *ex officio* tal-bord tal-għażla.

(3) (*a*) Id-dmirijiet ta' l-impjegati klerikali fi skali 11, 13 u 15 għandhom ikunu ekwivalenti għal dawk applikabbli għal Assistent Uffiċjal Prinċipal, Uffiċjal Eżekuttiv u Skrivan fis-Servizz Pubbliku.

(*b*) Ir-rekwiżiti minimi għall-mili tal-postijiet indikati fis-subregolament (3)(*a*) għandhom ikunu kif ġej:

(i) Skrivan (Skala 15):

Ħames suġġetti f'livell ordinarju (*'O' level passes* b'minimu ta' *Grade C* jew ekwivalenti), li jinkludu l-Malti, l-Ingliż u l-Matematika.

(ii) Uffiċjal Eżekuttiv (Skala 13):

Żewġ suġġetti differenti f'livell avvanzat (*'A' level passes* b'minimu ta' *Grade C* jew ekwivalenti) u tliet suġġetti oħra f'livell ordinarju (*'O' level passes* b'minimu ta' *Grade C* jew ekwivalenti), li jinkludu l-Malti, l-Ingliż u l-Matematika (f'livell avvanzat jew ordinarju); jew

Tliet snin esperjenza fil-grad ta' Skrivan (Skala 15) ma' Kunsill Lokali, u soġġett għal *performance* sodisfaċenti.

(iii) Assistent Uffiċjal Prinċipali (Skala 11):

Tliet suġġetti differenti f'livell avvanzat (*'A' level passes* b'minimu ta' *Grade C* jew ekwivalenti) u tliet suġġetti oħra f'livell ordinarju (*'O' level passes* b'minimu ta' *Grade C* jew ekwivalenti), li jinkludu l-Malti, l-Ingliż u l-Matematika (f'livell avvanzat jew ordinarju); jew

Tliet snin esperjenza fil-grad ta' Uffiċjal Eżekuttiv (Skala 13) ma' Kunsill Lokali, u soġġett għal *performance* sodisfaċenti.

(4) Il-ħinijiet tax-xogħol ta' l-impjegati tal-Kunsill jiġu determinati b'riżoluzzjoni tal-Kunsill wara li tkun saret ir-rakkomandazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv:

Iżda fil-każ ta' l-impjegati fuq xogħol klerikali, il-ħinijiet tax-xogħol għandhom jiġu determinati mis-Segretarju wara li jkun

ikkonsulta lis-Sindku sakemm dawn jaħdmu medja ta' erbgħin (40) siegħa fil-ġimgħa mifruxin fuq ħamest ijiem, mit-Tnejn sal-Ġimgħa, kif ġej:

(*a*) ix-xhur kollha (minbarra Awissu) mhux qabel is-7.00 a.m. u/jew wara l-5.30 p.m.;

(*b*) fix-xahar ta' Awissu, mhux qabel is-7.00 a.m. u/jew wara s-1.30 p.m.;

(*ċ*) fix-xahar ta' Awissu, l-impjegati klerikali għandhom jaħdmu medja ta' sitt sigħat xogħol kuljum. Wara sitt (6) sigħat ta' xogħol, irid ikun hemm *break* ta' 15-il minuta, ukoll jekk il-ħaddiema qegħdin bin-nofs ta' nhari. Is-sagħtejn (2) ta' xogħol li jaħdmu anqas f'dan ix-xahar ikunu jridu jpattu għalihom matul ix-xhur l-oħra tas-sena.

(5) Is-Segretarju Eżekuttiv, bħala l-kap amministrattiv tal-Kunsill, għandu jassumi r-responsabbilità amministrattiva ta' l-impjegati kollha tal-Kunsill, inklużi ordnijiet, dixxiplina, istruzzjonijiet u tqassim tax-xogħol.

Hinijiet imnaqqsa. *Miżjud: A.L. 95 ta' l-2007.*

**14A.** (1) Impjegat li jieħu ħsieb tfal taħt il-ħames (5) snin jista' jressaq talba bil-miktub lis-Segretarju Eżekuttiv biex jaħdem ħinijiet imnaqqsa. It-talba li ssir għal dan l-iskop għandha titressaq mill-anqas xahrejn qabel ma jkun hemm il-ħtieġa li jsir użu minn din il-konċessjoni.

Is-Segretarju Eżekuttiv għandu minnufih iressaq talbiet bħal dawn għall-konsiderazzjoni tal-Kunsill flimkien mar-rakkomandazzjonijiet tiegħu dwar jekk it-talba għandhiex tiġi aċċettata jew le. F'kull każ il-Kunsill għandu jagħti d-deċiżjonijiet tiegħu bil-miktub. Talbiet bħal dawn m'għandhomx ikunu għal anqas minn għoxrin siegħa fil-ġimgħa mifruxa fuq ħamest ijiem fil-ġimgħa.

(2) Il-Kunsill ikollu diskrezzjoni assoluta, bbażata fuq l-esiġenzi tiegħu, jekk japprovax jew le talbiet bħal dawn. Fejn il-Kunsill japprova talbiet bħal dawn, il-Kunsill għandu jistabbilixxi t-tul tal-perjodu li minnu l-impjegat ikun jista' jibbenefika minn din il-konċessjoni bla ħsara għal kull kondizzjoni oħra li l-Kunsill jista' jimponi, li għandhom ikunu inkorporati fi ftehim bil-miktub bejn il-Kunsill u l-impjegat. Id-deċiżjoni tal-Kunsill tkun finali.

(3) F'kull żmien il-Kunsill jista' jirtira din il-konċessjoni wara li jagħti ġimagħtejn avviż bil-miktub lill-impjegat ikkonċernat, iżda fl-ewwel sena tal-kuntratt ta' impjieg l-avviż għandu jkun ta' tliet ġimgħat. L-impjegat, li jkun ġie mogħti lilu l-permess sabiex jaħdem ħinijiet imnaqqsa, ma jistax jidħol jaħdem *full-time* minn rajh, iżda għandu jagħmel talba bil-miktub lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jaħdem fuq bażi *full-time*. Is-Segretarju Eżekuttiv għandu jressaq ir-raġunijiet bil-miktub quddiem il-Kunsill bir-rakkomandazzjonijiet tiegħu. Din it-talba ma għandhiex tiġi miċħuda mingħajr raġuni valida. Id-deċiżjoni tal-Kunsill tkun finali u għandha tiġi minnufih ikkomunikata lill-impjegat mis-Segretarju Eżekuttiv.

Waqt il-perjodu ta' ħinijiet imnaqqsa, is-salarju li jitħallas u

kull benefiċċjui ieħor, inkluż kull tip ta' *leave*, li jingħata lill-impjegat għandhom jingħataw *pro rata*.

Skali u rimunerazzjoni. *Emendat: A.L. 89 ta' l-2000; A.L. 64 ta' l-2001.*

**15.** (1) Impjegati *full-time* għandhom jiġu mpjegati f'xi waħda mill-iskali elenkati fis-subregolament (3)(*a*) sa (*d*).

(2) Meta l-Att jipprovdi għall-impjieg ta' uffiċjal *part-time*, min jiġi hekk impjegat ikun intitolat għall-ħlas *pro rata* tal-grad li fih ikun ġie impjegat, inkluża l-*weekly allowance*, kif ukoll għall-benefiċċji statutorji (bħal *vacation leave* u *leave* għal mard) fuq bażi *pro rata*, u dan sakemm l-impjieg *part-time* mal-Kunsill ikun l-impieg waħdieni tiegħu.

(3) Għandha tingħata din ir-rimunerazzjoni li ġejja lill-impjegati *full-time* tal-Kunsill:

(*a*) Uffiċjal fi Skala 11:

minimu ta' Lm 5,014 u massimu ta' Lm 5,658 fis-sena;

(*b*) Uffiċjal fi Skala 13:

minimu ta' Lm 4,438 u massimu ta' Lm 5,014 fis-sena;

(*ċ*) Uffiċjal fi Skala 15:

minimu ta' Lm 3,926 u massimu ta' Lm 4,438 fis-sena;

(*d*) Uffiċjal fi Skala 16:

minimu ta' Lm 3,786 u massimu ta' Lm 4,174 fis-sena;

(*e*) Uffiċjal fi Skala 18:

minimu ta' Lm 3,361 u massimu ta' Lm 3,689 fis-sena.

(Din l-iskala ma tapplikax għall-impjegati klerikali).

Ir-rati indikati hawn fuq jinkludu ż-żieda għal għoli tal-ħajja għas-sena 2001.

(4) Ir-rati msemmija fis-subregolament (3) huma ekwivalenti għar-rimunerazzjoni mogħtija fl-imsemmija skali fis-Servizz Pubbliku għas-sena 2001, u kull żieda li ssir f'dawn l-iskali hi applikabbli wkoll għas-salarji ta' impjegati tal-Kunsilli Lokali.

(5) (*a*) Kull impjegat li ma jkunx fil-massimu ta' l-iskala tas-salarju li fiha jkun ġie impjegat ikun intitolat għal *increment* kull sena f'dik l-iskala, u dan sakemm jintlaħaq il-massimu ta' dik l-iskala.

(*b*) L-*increment* jinqasam f'partijiet indaqs fuq perijodu ta' erba' snin meta l-impjegat jiġi ingaġġat fil-minimu ta' l-iskala.

(*ċ*) L-*increment* jingħata b'effett mill-ewwel xahar li fih ikun sar l-impjieg, u dan l-*increment* għandu jingħata biss bl-approvazzjoni tal-Kunsill wara li tiġi evalwata l-ħidma ta' l-impjegat.

(*d*) *Increment* jista' ma jingħatax f'każ ta' ksur serju ta' dixxiplina jew għal xi raġuni oħra li l-Kunsill jiddeċiedi li tkun ġustifikata.

(*e*) Mat-tiġdid tal-kuntratt tax-xogħol l-impjegat jibqa' intitolat għal dawk l-*increments* li jkun fadal sakemm

jilħaq il-massimu ta' l-iskala tal-grad li fih ikun impjegat.

(*f*) It-tiġdid tal-kuntratt għal kull perijodu ieħor ta' tlett snin ikun meqjus fis-seħħ sakemm ma jkunx hemm xi rapport negattiv fil-*performance appraisal* jew f'xi rapport ieħor simili, li jkun jimmerita terminazzjoni tal-kuntratt ta' l-impieg. Għal dan il-għan, sa mill-inqas xahar qabel it-tmiem tal-kuntratt ta' l-impieg ta' l-impjegat, is-Segretarju Eżekuttiv għandu jippreżenta lill-Kunsill rapport dwar il-*performance* ta' l-impjegat.

(6) Id-dmirijiet ta' l-impjegati klerikali fi skali 15, 13 u 11 għadhom ikunu l-istess bħal dawk ta' Skrivan, Uffiċjal Eżekuttiv u Assistent Uffiċjal Prinċipali fis-Settur Pubbliku.

Mili ta' postijiet vakanti u promozzjonijiet.
*Emendat:*
*A.L. 95 ta' l-2007.*

**16.**(1)(*a*) Postijiet vakanti u, jew postijiet ġodda għandhom jimtlew permezz ta' sejħiet interni għal applikazzjonijiet maħruġa mill-Kunsill Lokali fi ħdan il-Kunsill Lokali kkonċernat:

Iżda meta l-Kunsill Lokali ma jsib lil ħadd li jkun eliġibbli għal dak il-post, il-Kunsill għandu joħroġ sejħa għall-applikazzjonijiet skond id-disposizzjonijiet ta' l-Att.

(*b*) Wara li jkun ingħata l-permess meħtieġ mill-Korporazzjoni tax-Xogħol u Taħriġ, il-Kunsill Lokali għandu jibgħat avviż permezz ta' komunikat elettroniku lill-Kunsilli Lokali kollha fejn jistieden applikazzjonijiet minn fost ħaddiema klerikali eleġibbli. Kull applikazzjoni għandha tiġi kkunsidrata u l-applikanti kollha għandhom jissejjħu għall-intervisti li għandhom isiru mill-Kunsill. Kull applikazzjoni minn xi ħaddiem klerikali ta' xi Kunsill Lokali għandha awtomatikament tkun *short listed* waqt il-proċess ta' l-għażla.

(2) Impjegat tal-Kunsill li ma jintgħażilx biex jimla post li għalih ikun applika, jkollu d-dritt li jingħata r-raġinijiet għalfejn ma jkunx ġie magħżul.

(3) Meta impjegat tal-Kunsill jingħażel biex jimla grad ogħla, is-salarju fil-grad il-ġdid għandu jkun tali li jirrifletti żieda ta' *increment* tal-grad il-ġdid. Fejn hu meħtieġ għandu jsir *stepping up* fis-salarju.

Sahra.
*Emendat:*
*A.L. 89 ta' l-2000.*

**17.** (1) L-impjegati ma jistgħux jirrifjutaw li jagħmlu sahra meta fl-opinjoni tas-Segretarju Eżekuttiv din is-sahra tkun meħtieġa, jekk mhux għal raġuni valida u ġusta, sakemm dawn, għajr f'xi ta' emerġenza, jkunu ingħataw avviż bil-quddiem xieraq li bħala regola ma jkunx inqas minn erbgħa u għoxrin siegħa.

(2) F'każ ta' emerġenza, fejn jingħata avviż bil-quddiem mis-Segretarju Eżekuttiv ta' inqas minn sagħtejn l-impjegat għandu jitħallas bir-rata ta' sagħtejn għal kull siegħa.

(3) Ir-rata tas-sahra għall-impjegati għandha tkun kif ġej:

(*a*) mit-Tnejn sas-Sibt bir-rata ta' siegħa u nofs għal kull siegħa;

(*b*) il-Ħdud u l-festi pubbliċi bir-rata ta' sagħtejn għal kull siegħa;

(*ċ*) fejn is-sahra ma ssirx immedjatament wara jew qabel il-ħinijiet tax-xogħol, ma tistax titħallas anqas minn erba' sigħat sahra bir-rata applikabbli;

(*d*) kull sahra li ssir bejn l-10 p.m. u s-6 a.m. għandha titħallas bir-rata ta' sagħtejn għal kull siegħa.

Żidiet għall-għoli tal-ħajja.

**18.** Għandu jingħata lil uffiċjal *full-time* dawk iż-żidiet li jingħataw għall-għoli tal-ħajja li jistgħu jiġu stabbiliti minn żmien għal żmien mill-Gvern.

*Performance bonus.*
*Emendat:*
*A.L. 89 ta' l-2000;*
*A.L. 64 ta' l-2001;*
*A.L. 95 ta' l-2007.*

**19.** (1) Il-Kunsill jista' wkoll, fid-diskrezzjoni tiegħu, jagħti lil kull wieħed mill-impjegati tiegħu, fi tmiem ta' xi sena finanzjarja, bonus ta' *performance* ta' mhux iżjed minn 6% ta' l-aħħar salarju li jkun qed jirċievi:

Iżda fil-każ ta' dawk l-impjegati li jkunu temmew l-impjieg qabel it-tmiem tas-sena finanzjarja, dan il-bonus jinħadem *pro rata* fuq l-aħħar salarju li kien imħallas lilhom.

(2) Il-livell ta' *performance* ta' l-impjegati tal-Kunsill jiġi evalwat mis-Segretarju Eżekuttiv, bħala l-kap amministrattiv tal-Kunsill, fuq il-formula li hemm fl-Iskeda, u dan l-*appraisal* flimkien mar-rakkomandazzjoni tas-Segretarju Eżekuttiv jiġi preżentat lill-Kunsill għall-approvazzjoni finali.

(3) Jekk ikun ser jingħata l-*performance bonus*, dan għandu jsir skond il-kriterji li ġejjin:

0% - jekk fil-fehma tal-Kunsill Lokali l-ħaddiem klerikali ma jkunx laħaq il-livell mistenni minnu skond il-grad li jkun jokkupa;

3% - jekk fil-fehma tal-Kunsill Lokali l-ħaddiem klerikali jkun wettaq xogħlu b'mod sodisfaċenti għal kollox, kif ukoll ikun laħaq livell għoli ta' kompetenza u kapaċità f'xogħlu tant li, b'mod ġenerali, ikunu ntlaħqu l-objettivi li fiċ-ċirkostanzi setgħu jintlaħqu jew f'xi każi ukoll eċċedihom. Il-livell ta' *performance* meħtieġ f'dan il-każ irid ikun wieħed li f'kull ħin il-ħaddiem klerikali jkun laħaq l-objettivi mistennija mill-kariga;

6% - jekk fil-fehma tal-Kunsill Lokali l-ħaddiem klerikali mhux biss ikun wettaq xogħlu b'mod sodisfaċenti għal kollox, iżda li b'mod sinifikanti u tanġibbli jkun eċċeda l-livell ta' kompetenza, u ukoll fejn il-*performance* tiegħu kienet tali li tkun iżjed minn dak li normalment hu rikjest mill-kariga.

(4) Dawn il-livelli għandhom jitkejlu permezz ta' *performance appraisal* li ssir fuq il-formula li hemm fl-Iskeda. Dan il-*performance appraisal* hu maħsub biex jgħin lill-Kunsill jevalwa l-livell ta' *performance* ta' l-impjegat.

(5) Il-livell bejn 3% u 6% għandu jitkejjel permezz ta' *performance appraisal* li jsir fuq il-formula li hemm fl-Iskeda; dan il-*performance appraisal* hu maħsub biex jgħin lill-Kunsill Lokali fil-valutazzjoni tal-livell ta' *performance* ta' l-impjegat klerikali interessat.

**20.** (1) Akkumular ta' *vacation leave* minn sena għal oħra, iżda għal mhux aktar minn sentejn wara xulxin, jingħata biss bl-approvazzjoni bil-miktub mill-Kunsill, u dan sa massimu ta' tmienja u erbgħin siegħa.

Akkumular ta' *vacation leave.* *Emendat: A.L. 64 ta' l-2001; A.L. 95 ta' l-2007.*

(2) (*a*) Ħaddiema klerikali għandhom dritt għal 192 siegħa *vacation leave* fis-sena, jew dak l-ammont ieħor ta' *vacation leave* li jista', minn żmien għal żmien, ikun preskritt skond il-liġi. Il-*vacation leave* jista' jittieħed bħala ġranet sħaħ jew nofs ta' nhari, iżda tliet ijiem minn dawn il-ġranet jistgħu jittieħdu fuq bażi ta' sagħtejn kull darba. Ħaddiem klerikali għandu jieħu sebgħin fil-mija (70%) tal-*vacation leave* tiegħu sa l-aħħar ta' Settembru filwaqt li l-bilanċ ta' tletin fil-mija (30%) għandu jittieħed sa l-aħħar tas-sena.

(*b*) *Vacation leave* mhux meħud minħabba f'esiġenzi tax-xogħol skond kif determinat mill-Kunsill jista' jiġi akkumulat minn sena għal oħra biss bl-approvazzjoni bil-miktub tal-Kunsill.

(*ċ*) Kull *vacation leave* għandu jiġi approvat mis-Segretarju Eżekuttiv wara talba bil-miktub mill-ħaddiem klerikali. Bħala regola, *vacation leave* ta' anqas minn tliet ijiem għandu jintalab tliet ijiem qabel il-ġranet ta' *vacation leave* maħsuba u *vacation leave* ta' aktar minn tliet ijiem għandu jintalab ġimgħa qabel l-imsemmi perjodu ta' *vacation leave*:

Iżda din ir-regola ma tapplikax fil-każ ta' talbiet għal *vacation leave* urġenti magħmulin mill-ħaddiem klerikali, sakemm dik l-urġenza tiġi aċċettata mis-Segretarju Eżekuttiv.

(3) Ħaddiem klerikali għandu dritt jieħu sittax-il siegħa (16) *vacation leave*, mill-192 siegħa *vacation leave* li jistgħu jittieħdu, f'każijiet ta' emerġenza li dwarhom għandha tiġi preżentata evidenza dokumentarja mill-ħaddiem klerikali interessat.

**21.** Il-kondizzjonijiet dwar *leave* speċjali bi ħlas kif stipulati fir-regolament 11 japplikaw *mutatis mutandis* għall-impjegati tal-Kunsill Lokali.

*Leave* speċjali bi ħlas.

**22.** Il-kondizzjonijiet dwar *leave* għal mard stipulati fir-regolament 12 japplikaw *mutatis mutandis* għall-impjegati tal-Kunsilli Lokali.

*Leave* għal mard.

**23.** Il-kondizzjonijiet dwar korriment fuq ix-xogħol kif stipulati fir-regolament 13 japplikaw *mutatis mutandis* għall-impjegati tal-Kunsilli Lokali.

Korriment fuq ix-xogħol.

*Leave* ieħor u benefiċċji oħra.
*Miżjud:*
*A.L. 95 ta' l-2007.*

**23A.** (1) Ħaddiem klerikali jista' japplika għal *leave* mingħajr ħlas sa massimu ta' erbgħin (40) siegħa kull sena. Dan il-*leave* ikun jista' jsir użu minnu f'minimu ta' erba' (4) siegħat kull darba, u kemm-il darba biss li l-ħaddiem ikun għamel użu mill-*vacation leave* tiegħu kollu u dejjem jekk iċ-ċirkostanzi tax-xogħol jippermettu.

(2) Ħaddiem klerikali għandu jingħata tliet (3) xhur *leave* ta' ġenitur mingħajr ħlas għal kull tarbija ġdida tiegħu.

(3) Il-kondizzjonijiet li jirregolaw l-iskema ta' saħħa kif stipulati fir-regolament 13A għandhom japplikaw, *mutatis mutandis*, għall-impjegati klerikali tal-Kunsilli Lokali.

## TAQSIMA V

### Mixxellanji

Żmien tal-kuntratt.
*Emendat:*
*A.L. 89 ta' l-2000;*
*A.L. 282 ta' l-2005;*
*A.L. 95 ta' l-2007.*

**24.** (1) Il-ħatriet kollha fis-servizz tal-Kunsill għandhom isiru b'kuntratt għal tliet snin u jistgħu wara jiġġeddu għal perijodi oħra ta' tliet snin il-wieħed. F'kull każ għandu jintuża d-dokument tal-kuntratt tax-xogħol kif pubblikat fil-Proċeduri dwar Riżorsi Umani.

Il-kuntratt ta' impjieg għandu jinkorpora l-kondizzjonijiet miftiehma fil-ftehim kollettiv; fl-assenza ta' kondizzjonijiet bħal dawn, għandhom jgħoddu, *mutatis mutandis*, id-disposizzjonijiet tat-Taqsima V ta' l-Att:

Iżda ħaddiema klerikali jistgħu jiġu impjegati b'kuntratt ta' anqas minn tliet snin sabiex jissostitwixxu ħaddiema li jkunu barra mix-xogħol fuq *leave* fit-tul mingħajr ħlas.

(2) Ħames xhur qabel id-data meta jispiċċa l-kuntratt ta' l-impieg tas-Segretarju Eżekuttiv mal-Kunsill, is-Segretarju Eżekuttiv għandu jgħarraf bil-miktub lis-Sindku li jkun wasal iż-żmien biex dak il-kuntratt jiskadi, u hekk tidħol fis-seħħ il-proċedura stabbilita fis-subregolamenti (3) u (4).

(3) Is-Sindku, hekk kif jiġi mgħarraf mis-Segretarju Eżekuttiv skond is-subregolament (2), għandu jqiegħed dan is-suġġett fuq l-aġenda ta' l-ewwel laqgħa tal-Kunsill li jmiss, fejn għandha ssir diskussjoni u tittieħed deċiżjoni permezz ta' approvazzjoni ta' riżoluzzjoni fil-laqgħa ta' dak il-Kunsill.

(4) Kull deċiżjoni, li jiġi jew ma jiġix imġedded il-kuntratt, għandha tittieħed tliet xhur qabel id-data ta' l-għeluq tal-kuntratt.

(5) Fin-nuqqas li jsir dan, skond is-subregolamenti (2) sa (4), il-kuntratt ta' impjieg tas-Segretarju Eżekuttiv jibqa' validu sa l-eventwali deċiżjoni li tosserva l-proċedura stabbilita fis-subregolamenti (3) u (4).

(6) Fil-każ li l-Kunsill ikun ser jittermina l-kuntratt qabel l-iskadenza tal-kuntratt, dan għandu jsir b'riżoluzzjoni għal dan il-għan skond il-proċedura indikata fis-subregolamenti (2) sa (4).

Ħatra ta' Segretarji Eżekuttivi, eċċ.
*Emenddat:*
*A.L. 89 ta' l-2000.*

**25.** Il-ħatra ta' Segretarji Eżekuttivi tal-Kunsill u ta' impjegati oħra minn barra s-servizz pubbliku tkun regolata bid-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 110(6) tal-Kostituzzjoni.

Riferenzi.

**26.** Ebda ħatra ma tingħata fis-servizz tal-Kunsill kemm-il

darba ma jkunux riċevuti żewġ riferenzi bil-miktub li jkunu aċċettabbli.

Prova.
*Sostitwit:*
*A.L. 89 ta' l-2000.*
*Emendat:*
*A.L. 64 ta' l-2001.*

**27.** Il-ħatra ta' l-impjegati ġodda, inklużi Segretarji Eżekuttivi, fil-Kunsill tkun suġġetta għal żmien ta' prova kif ġej:

(*a*) min ikun impjegat bħala Segrtarju Eżekuttiv għall-ewwel darba, dan ikun suġġett għal żmien ta' prova ta' sena u jitqiegħed fuq it-tieni *notch* taħt il-massimu ta' l-iskala tas-salarju rispettiva. Segretarju Eżekuttiv li jkollu l-kuntratt tiegħu mġedded ma' l-istess Kunsill ma jkunx suġġett għall-ebda żmien ta' prova ieħor;

(*b*) Segretarju Eżekuttiv li wara li jkun temm jew intemmlu kuntratt ma' xi Kunsill, jidħol f'kuntratt ġdid ma' Kunsill differenti, jkun suġġett għal żmien ta' prova ta' sena u jitpoġġa fuq il-massimu ta' l-iskala relattiva tas-salarju;

(*ċ*) kull ħaddiem klerikali impjegat mal-Kunsill Lokali jkun suġġett għal żmien ta' prova ta' sitt xhur meta jiffirma l-ewwel kuntratt. Ħaddiem klerikali li jkollu l-kuntratt tiegħu mġedded ma' l-istess Kunsill ma jkunx suġġett għal ebda żmien ta' prova ieħor:

Iżda jekk impjegat jiġi magħżul sabiex jingħata kuntratt ma' l-istess Kunsill fi skala ogħla, allura jkun suġġet għal żmien ta' prova ta' tliet xhur u jirċievi żewġ *notches* taħt il-massimu ta' l-iskala l-ġdida:

Iżda wkoll, jekk impjegat jiffirma kuntratt ma' Kunsill differenti huwa jkun suġġett għal żmien ta' prova ta' sitt xhur. Tul iż-żmien ta' prova, jekk huwa jkun ġie impjegat fl-istess skala ta' salarju li kellu jew f'waħda anqas mal-Kunsill Lokali preċedenti, dan jirċievi s-salarju rispettiv, nieqes *increment* wieħed:

Iżda wkoll, jekk l-impjegat ikun ser jinħatar fi skala ogħla milli kellu, dan jitqiegħed fuq il-*minimum* ta' l-iskala l-ġdida.

Interess pekunjarju.
*Emendat:*
*A.L. 89 ta' l-2000.*

**28.** (1) Jekk Segretarju Eżekuttiv jew impjegat ieħor tal-Kunsill isir jaf li kuntratt li fih ikollu nteress pekunjarju, dirett jew indirett, li ma jkunx kuntratt li fih hu jkun parti, ikun sar jew ikun ser isir mill-Kunsill, dan għandu, kemm jista' jkun malajr, jikxef l-interess bil-miktub lill-Kunsill.

(2) Is-Segretarju Eżekuttiv għandu jirreġistra dak l-interess fil-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill.

(3) Kull persuna kif imsemmija fis-subregolament (1) li xjentement ma tikxifx dak l-interess tkun suġġetta għal azzjoni dixxiplinari li tista' twassal għat-tkeċċija.

Relazzjoni ma' Segretarju Eħekuttiv jew impġjegat prospettiv.
*Emendat:*
*A.L. 89 ta' l-2000.*

**29.** Ebda Segretarju Eżekuttiv jew impjegat ieħor tal-Kunsill ma għandu jieħu sehem fil-proċeduri ta' rakkomandazzjoni jew ta' intervista ta' kandidat li japplika għal impjieg mal-Kunsill jekk dak il-kandidat ikun qarib tas-Segretarju Eżekuttiv jew l-impjegat. Għall-fini ta' dan ir-regolament kandidat jitqies li hu hekk qarib jekk jaqa' taħt xi waħda mir-relazzjonijiet familjari speċifikati fl-

artikolu 20(4) ta' l-Att.

Konfidenzjalità.
*Emendat:*
*A.L. 89 ta' l-2000.*

**30.** (1) Is-Segretarju Eżekuttiv jew impjegat ieħor ma għandux jikkomunika lil xi persuna l-kontenut ta' dokumenti dwar il-Kunsill jekk mhux hekk meħtieġ bil-liġi jew awtorizzat espressament li jagħmel hekk mill-Kunsill.

(2) Is-Segretarju Eżekuttiv jew xi impjegat ieħor ma jistax jiġi intervistat jew jagħmel dikjarazzjonijiet pubbliċi lanqas jikxef xi tagħrif li jkun sar jaf bih waqt il-qadi ta' dmirijietu jekk ma jkunx hekk meħtieġ li jagħmel skond l-Att jew jekk ma jkunx hekk awtorizzat bil-miktub mis-Sindku.

Kodiċi ta' Etika.
*Emendat:*
*A.L. 89 ta' l-2000.*

**31.** (1) Is-Segretarju Eżekuttiv u l-impjegati l-oħra tal-Kunsill għandhom josservaw il-Kodiċi ta' Etika waqt il-qadi ta' dmirijiethom.

(2) Is-Segretarju Eżekuttiv u l-impjegati l-oħra tal-Kunsill għandhom ukoll josservaw d-disposizzjonijiet li jirregolaw l-imġieba kif indikat fil-Proċeduri dwar Riżorsi Umani.

Assenza tas-Segretarju Eżekuttiv.
*Emendat:*
*A.L. 89 ta' l-2000.*

**32.** L-ebda membru tal-Kunsill ma jista' jkollu kariga ta' impjegat tal-Kunsill jew jaġixxi bħala tali fl-assenza tas-Segretarju Eżekuttiv jew tad-Deputat Segretarju Eżekuttiv, jew xi mpjegat tal-Kunsill.

Twaqqif ta' Kumitat ta' Saħħa u Sigurtà.
*Miżjud:*
*A.L. 282 ta' l-2005.*

**33.** (1) Għandu jiġi ffurmat Kumitat ta' Saħħa u Sigurtà b'rappreżentanza ugwali bejn rappreżentanti ta' l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali, il-*Union* li f'dak iż-żmien tkun qed tirrappreżenta lis-Segretarji Eżekuttivi u l-Assoċjazzjoni Segretarji Eżekuttivi Kunsilli Lokali (Malta) sabiex jiġu implimentati *issues* u regolamenti ta' saħħa u sigurtà fuq il-post tax-xogħol.

(2) Iċ-*chairman* ta' dan il-kumitat għandu jinħatar mill-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali b'konsultazzjoni ma' l-imsemmija *Union*.

*Qualification allowance.*
*Miżjud:*
*A.L. 282 ta' l-2005.*
*Sostitwit:*
*A.L. 95 ta' l-2007.*

**34.** Is-Segretarju Eżekuttiv u l-ħaddiema klerikali għandhom jingħataw *qualification allowance* ta' -

Lm400 - għal Ph.D;

Lm300 - għal *Masters degree*;

Lm200 - għal *First degree*; u

Lm 100 - għal diploma,

jew dik l-*allowance* oħra li tista' tingħata skond il-proċedura applikabbli fis-servizz pubbliku (Gradi Servizz Ġenerali mal-Gvern) u sakemm din il-kwalifika tkun relatata ma' funzjonijiet konnessi mal-Kunsill:

Iżda dik l-*allowance* m'għandiex tingħata lis-Segretarju Eżekuttiv jew lil xi ħaddiem klerikali ieħor li jkun attenda b'suċċess kors għal Segretarji Eżekuttivi prospettivi tal-Kunsilli Lokali.

Taħriġ.
*Miżjud:*
*A.L. 95 ta' l-2007.*

**35.** Ħaddiem klerikali għandu jingħata taħriġ u l-faċilità li jattendi għal taħriġ fuq materji relatati mal-funzjonijiet ta' dak il-ħaddiem fil-Kunsill Lokali. F'każijiet ta' korsijiet universitarji, l-

impjegat ikun intitolat għal ġurnata ta’ *study leave* speċjali bil-għan li jkun jista’ jattendi għal eżami f’dik il-ġurnata.

*Emendata:*
*A.L. 89 ta' l-2000.*

SKEDA

Regolamenti 6 u 19

*PERFORMANCE BONUS APPRAISAL*

Isem ...................................................... Kariga ................................................

Perijodu ta' l-Evalwazzjoni ....................................................................................

Żmien fil-kariga ........................................................................................

Kunsill Lokali ..........................................................................................

*PERFORMANCE* B'MOD ĠENERALI:

[*Din it-Taqsima għandha sservi biex is-Segretarju Eżekuttiv/l-impjegat ikun jaf kif kienet il-*performance *tiegħu b'mod ġenerali*]

Agħżel il-kaxxa li taħseb li l-aktar tirrifletti, b'mod ġenerali, il-*performance* tas-Segretarju Eżekuttiv/impjegat meta mqabbla ma' dak li hu mistenni minnu. Tista' tiġġudika billi tevalwa:

hkemm sar tajjeb ix-xogħol fdat lis-Segretarju Eżekuttiv/impjegat; b'liema mod ġie mwettaq dan ix-xogħol; kemm ix-xogħol kien impenjattiv; u x'riżultati oħra ġew milħuqa minbarra dan ix-xogħol. L-evalwazzjoni tinkludi tliet skali li juru li x-xogħol hu ta' livell aċċettabbli u skala waħda li turi li x-xogħol magħmul mhux ta' livell aċċettabbli, skond il-kriterji li ġejjin:

| | | |
|---|---|---|
| Livell li jeċċedi dak mistenni | Ix-xogħol imwettaq jeċċedi b'mod konsistenti u sinifikanti l-objettivi jew dak li kien mitlub minnu. | ☐ |
| Livell rakkomandabbli | Ix-xogħol imwettaq b'mod konsistenti laħaq fil-maġġor parti tiegħu l-objettivi jew dak li mitlub minnu. F'ċerti każi, ir-riżultat jista' jkun eċċeda dak li kien mitlub, filwaqt li f'każi oħra jista' ma jkunx intlaħaq kif mitlub; madanakollu, b'mod ġenerali, ix-xogħol imwettaq laħaq l-objettivi jew dak li kien mitlub. | ☐ |

2

| | |
|---|---|
| Ħidma sodisfaċenti | B'mod ġenerali, ix-xogħol imwettaq ta' sikwit laħaq uħud mill-objettivi jew dak li kien mitlub. Bi ftit titjib f'ċerti oqsma tal-pjan ta' ħidma, ix-xogħol imwettaq jista' jitqies bħala sodisfaċenti. ☐ |
| Livell ta' xogħol imwettaq mhux aċċettabbli | Ix-xogħol imwettaq b'mod konsistenti ma laħaqx l-objettivi jew dak li kien mitlub. Jekk ma jintweriex titjib fix-xogħol għandha tittieħed azzjoni biex is-sitwazzjoni tiġi rimedjata. ☐ |

*PERFORMANCE BONUS* APPROVAT: ........................... %

B'RIŻOLUZZJONI TAL-KUNSILL F'LAQGĦA LI SARET NHAR IL- ..............
....................................................... tas-sena

SINDKU ........................................... DATA .............................

3

Miżuri li bihom titkejjel il-*Performance*:

[*Din it-Taqsima għandha sservi sabiex turi fid-dettal kif is-Segretarju Eżekuttiv/l-impjegat irnexxielu jattwa xogħlu billi jiġu stabbiliti t-tajjeb u l-ħażin permezz ta' diversi metodi ta' kejl. Għal kull fattur għandu jintuża l-ispazju mmarkat "Kummenti", fejn jingħataw eżempji speċifiċi li huma l-aktar qrib lejn il-*performance *tas-Segretarju Eżekuttiv/l-impjegat, li jagħtu stampa ċara tal-miżuri dwar l-effettività u dawk il fatturi l-oħra li nfluwenzaw il-*performance.]

| MIŻURI TA' KEJL U SPJEGAZZJONIJIET | KUMMENTI |
|---|---|
| 1. Volum ta' Xogħol: Volum ta' xogħol li twettaq kif komparat ma' dak mitlub. | |
| 2. Kwalità tax-Xogħol: Preċiżjoni u xogħol kif preżentat. | |
| 3. Għarfien tax-Xogħol assenjat: Kemm wieħed hu ntiż fil-proċeduri, l-apparat u l-metodi, ir-responsabbiltajiet u d-diversi doveri tal-kariga. | |
| 4. Affidabilità: Sa fejn wieħed jista' jafdah biex jattwa x-xogħol assenjat lilu u dan fiż-żmien stipulat. Agħti l-kummenti wkoll dwar attendenza u puntwalità. | |

4

5. Innovazzjoni: Kemm is-Segretarju Eżekuttiv/l-impjegat kontinwament jeżamina metodi u *policies* u jagħmel suġġerimenti għal titjib.

6. *Staff Development*: Kemm tintwera konsiderazzjoni lejn l-i*staff* ta' taħtu; kemm isir pjanar dwar ix-xogħol tal-i*staff* ta' taħtu, kif ukoll *monitoring*, evalwazzjoni u żvilupp tagħhom.

7. Komunikazzjoni: Kapaċit□ sabiex jikkomunika informazzjoni kemm bil-fomm kif ukoll bil-kitba.

8. *Teamwork*: X'relazzjoni teżisti mal-kollegi tax-xogħol u persuni oħra fuq xogħol relatat mal-Kunsill.

Evalwazzjoni fil-qosor dwar kemm l-impjegat ħu effettiv fuq xogħlu:

| Miżura ta' *Performance* | Għoli | Medju | Sodisfaċenti | Mhux aċċettabbli |
|---|---|---|---|---|
| 1. Volum ta' xogħol | | | | |
| 2. Kwalità tax-xogħol | | | | |
| 3. Għarfien tax-Xogħol | | | | |
| 4. Affidabilità | | | | |
| 5. Innovazzjoni | | | | |
| 6. *Staff development* | | | | |
| 7. Komunikazzjoni | | | | |
| 8. *Teamwork* | | | | |

| 5 | |
|---|---|
| Marka globali [Agħmel x fejn japplika]<br>Jeċċedi dak mistenni minnu | ☐ |
| Livell Rakkomandabbli | ☐ |
| *Performance* Sodisfaċenti | ☐ |
| Livell mhux Aċċettabbli | ☐ |
| Kummenti ġenerali mis-Sindku: | |

6

Pjan għal titjib fix-xogħol:

[*Din it-Taqsima hi maħsuba sabiex jiġi formulat pjan biex jitjieb dak is-settur li hemm bżonn ta' tijib fih.*]

| Fattur ta' *Performance* | Rakkomandazzjoni kif jista' jiġi mtejjeb il-livell tax-xogħol tas-Segretarju Eżekuttiv/impjegat |
|---|---|

Kummenti tas-Segretarju Eżekuttiv/impjegat:

L-evalwazzjoni ta hawn fuq ġiet moqrija u diskussa mas-Segretarju Eżekuttiv/ impjegat:

Sindku

Segretarju Eżekuttiv/Impjegat

Data